# Tifkiriet ta' Tfuliti fit-Tieni Gwerra Dinjija

**minn Maria Consiglia Abdilla**



Tħajjart nikteb kif laqtitni l-gwerra ta' bejn is-snin 1940-1945. Illum jiena persuna pensjonanta. L-impjieg tiegħi kien t' għalliema fl-iskola primarja tal-Gvern, fejn domt għal kważi erbgħin sena ngħallem.

Sakemm l-Italja ngħaqdet mal-Ġermanja (l-Assi) u ddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra, il-ħajja f'pajjiżna kienet ward u żahar. Mill-ħwienet kont issib tixtri l-kumditajiet kollha li konna nafu bihom dak iż-żmien. Dwar dawk li huma affarijiet ta' l-ikel, kellna affarijiet ġenwini u jkolli ngħid kienu aktar bnini minn dawk ta' llum. Il-karozzi ż-żgħar *(light cars)* kienu rari. Fir-raħal tagħna, fit-tletinijiet kien hawn tnejn biss - u dawn kienu għal xi kirjiet. Għall-bidu tat-tletinijiet il-venda tal-karozzi tal-linja kienet iż-Żurrieq, imma l-karozzi kienu jitilqu spiss miż-Żurrieq u jħallu numru ta' postijiet vojta għall-passiġġieri li kienu jirkbu mill-Qrendi u mill-Imqabba. Insomma, kollox ma' kollox, konna moqdijin tajjeb. Ma konniex nistennew ħafna mill-ħajja.

Mill-1935 'il quddiem beda jinstema' xi għidut tal-gwerra qribna: l-ewwel il-gwerra ta' l-Italja ma' l-Abissinja (1935), imbagħad il-gwerra ċivili fi Spanja (1936) u fl-aħħar l-invażjoni tal-Polonja mill-Ġermanja Nażista (1939). Quddiem dawn il-ġrajjiet, l-Ingilterra u Franza (l-Alleati) ħadu pożizzjoni u ndaħlu biex jgħinu lill-pajjiżi li kienu nvadew in-Nażi. Sadanittant l-awtoritajiet f'Malta bdew jitħassbu u ħażnu l-ikel kemm setgħu u fl-istess ħin irrazzjonaw l-affarijiet ta' l-ikel. Konna nieħdu r-razzjon kull 15-il ġurnata, imma qatt ma kien iservi sakemm jasal razzjon ieħor, u allura arah lil dak li jkun, jiġġerra u jittallab il-kumdità li tonqsu u jekk u meta jsibha, jħallas għaliha bil-qares. Per eżempju ratal (800g) zokkor li bir-razzjon kien jinxtara 4d erba' soldi (1c 7) ġieli nbiegħ Lm1.25c u hekk l-affarijiet l-oħra. Dan kien jissejjaħ "Black Market".



L-awtoritajiet ħasbu wkoll għas-sigurtà ta' l-individwu. Fond f il-blat tħaffru mini fejn in-nies kienu jistkennu waqt xi ħbit mill-ajru. Dawn kienu jissejħu xelters. Minnhom kien hawn ħafna. Tqassmu wkoll il-maskri tal-gass għal xi periklu li seta' jinqala'.

Hekk sabitna l-gwerra: nies imbeżżgħa u mħassba. F'Ġunju 1940, l-Italja ddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra u aħna, kolonja Ingliża, sibna ruħna bbumbardjati mill-ajru ma' l-ewwel ġurnata. Aktar ma beda għaddej iż-żmien, l-attakki mill-ajru aktar żdiedu u ħraxu. In-nies tiela' u nieżla fix-xelters flimkien man-nuqqas ta' rqad bdiet tgħejja sew fiżikament kemm moralment. Min-naħa tagħhom l-awtoritajiet kellhom jieħdu miżuri eħrex ta' sigurtà: dwal fit-toroq xejn u l-anqas dwal li jidhru minn barra mit-twieqi u l-bibien. Dan kien il-*blackout*. Aktar tard l-awtoritajiet daħħlu miżura oħra għas-sigurtà: ħadd ma seta' jkun barra minn daru tul il-ħin iffissat mill-awtoritajiet tul il-lejl. Dan kien u jsejħulu "curfew". Min jinqabad barra tul dan il-ħin kien ikollu jagħti spjegazzjoni sodisfaċenti lill-awtoritajiet.

F'din l-atmosfera bdejt nipprepara għall-eżami li kellu jwassalni għall-impjieg li kont ilni noħlom bih u nistinka għalih żogħżiti kollha. Jien kont immur l-iskola Sekondarja tal-Belt. Kienet fi Triq Merkanti fuq il-ħwienet li hemm imissu mal-Kon Katidral ta' S. Ġwann. Konna ppreparati sa snienna għall-eżami. Konna ħallasna l-flus li kellna nħallsu għall-eżami u kellna anke t-"time table" li kien fiha l-ħin u s-suġġett ta' l-eżami. L-ewwel parti ta' l-eżami nzertat li kellha ssir fid-9 ta' Ġunju 1940, dakinhar li l-Italja ddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra, u għalhekk dak l-eżami sfratta. Kienet daqqa ta' ħarta għalina l-istudenti u konna

nkwetati dwar x'seta' jiġri iżjed. Wara din il-ħasda kellna oħra akbar: il-kap ta' l-iskola tagħna għarrfitna li għal dik is-sena (1940) l-eżami tas-Senior (illum G.C.E) ma kienx se jsir. Wara li għadditielna din il-ħasda, bdejna naraw xi stajna nagħmlu. Delegazzjoni minna l-istudenti marru jkellmu lill-kap ta' l-iskola dwar jekk stajniex nagħmlu l-eżami tal-Matrikola dik is-sena. Ir-risposta kienet le, u tagħtna raġunijiet validi; imma offritielna li żżomna sena oħra (avolja konna spiċċajna l-kors) biex nippreparaw għall-Matrikola ta' l-1941. Aħna aċċettajna u rringrazzjajniha. Issa ġara li għall-Matrikola ma kienx hemm bżonn l-eżami tad-Domestic Subjects (illum Home Economics) imma kellna bżonnu għall-impjieg ta' għalliema. Billi aħna kollha kellna dan il-għan, il-kap ta' l-iskola rranġatilna biex nibqgħu nattendu għal dawn il-lezzjonijiet nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis wara nofs in-nhar.



*Il-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa imġarrfa fil-gwerra*

Sadanittant, is-sena 1940 waslet biex tispiċċa. Ngħid il-verità, tassew li kellna attakki mill-ajru u ntefgħu l-bombi, imma konna kważi drajnihom lit-Taljani u ħafna drabi konna nibqgħu nagħmlu dak li konna nkunu nagħmlu. Għall-ħabta ta' l-aħħar xahrejn tas-sena 1940, fi Sqallija ġiet stazzjonata l-Luftwaffte (Air Force Ġermaniża). Kulħadd kien sema' bil-kuraġġ u l-ħruxija tal-Ġermaniżi, u dan nissel biża' kbir f'kulħadd. Sfortunatament ma domniex ħafna biex naraw dan il-kuraġġ. Kien il-Ħamis, 16 ta' Jannar 1941. Il-ħin kien is-1.45 pm. Konna qegħdin fil-klassijiet għal-lezzjoni meta ngħata s-sinjal li ġej attakk mill-ajru. Inżilna ġo speċi ta' kantina *(vault)* taħt il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, lesti biex nagħmlu xalata u...... għamilnieha x-xalata! Il-ħbit mill-ajru dam sagħtejn li tulhom ħlief l-isparar tal-kanuni, it-tisfir tal-bombi, it-tfaqqigħ tal-*machine guns* mill-ajruplani, u ajruplani jiddajvjaw ma nstemax. Twerwirna. X'kien ġara? Għaliex dan l-attakk hekk qawwi? Fil-port kien irnexxielha titkaxkar l-"Illustrious" - frejgata kbira tal-gwerra wara li kienet qalgħet xebgħa nobis mill-Ġermaniżi bejn Malta u Lampedusa. Il-Ġermaniżi u t-Taljani kienu ħalfu li kellhom jgħarrquha. F'dan l-attakk xi whud minna l-istudenti tilfu lil xi membri tal-familja.

L-1941 kellha ħafna aktar sorpriżi koroh għalija. Wasal l-eżami tal-Matrikola u dan sar fil-Kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat. Issa qabel inkompli nixtieq nitkellem ftit fuq is-sitwazzjoni ġenerali fil-Mediterran. Franza mirbuħa mill-Ġermaniżi, Spanja għadha l-anqas stejqret mill-gwerra ċivili li kellha, il-Balkani f'idejn il-Ġermaniżi, l-Afrika ta'. Fuq - mill-Eġittu sal-Marokk f'idejn l-Italja. L-uniċi postijiet li kellha l-Ingilterra fil-Mediterran kienu Ġibiltà, Malta u Lixandra fl-Eġittu. L-egħdewwa ħalfu li jġiegħlu lil dawn il-postijiet iċedu ..... u għalhekk kellna inmblokk totali: xejn ma seta' jidħol minn barra: la ikel u lanqas "fuel". L-awtoritajiet f'Malta bilfors kellhom ikomplu jissikkaw iċ-ċintorin. Issa mess il-"fuel" tal-vetturi. It-trasport pubbliku kien jaħdem bejn wieħed u ieħor minn 6 sa 7 sigħat kuljum. Filgħodu kien jieqaf mid-9 sa nofsinhar, jaħdem għal sagħtejn oħra, jerġa' jieqaf sa l-4.30pm u jaħdem qisu sas-6 pm. Il-karozzi tal-linja kienu jitilqu miż-Żurrieq, jiġifieri biex nirkbu kien ikollna mmorru ż-Żurrieq bil-mixi u nirkbu minn hemm. Il-karozzi tal-linja kienu jitilqu bil-ħin u kienu jkunu mballati bin-nies bħas-sardin. F'sitwazzjoni bħal din, kien impossibbli għalija li nasal ir-Rabat fil-ħin għall-eżami. Kelli nsib mezz ieħor biex nivjaġġa. Kien iwassalni n-nannu biż-żiemel sa taħt is-Saqqajja, nitla' bil-mixi sal-Kunvent ta' S. Duminku, nagħmel l-eżami, ninżel fuq is-Saqqajja fejn kont insib lin-nannu jistennieni u nerħulha bit-tlikki tlikki lejn id-dar. Ma rridx ninsa ngħid li miegħi kienu jiġu żewġt iħbieb, studenti bħali, miż-Żurrieq.

Spiċċa l-eżami u ħareġ ir-riżultat... ma kienx sabiħ, għax weħilt minn xi suġġetti, fosthom it-Taljan. Iddeċidejt li ma neħux privat għar-riparatorju ta' Settembru. Erġajt għamilt l-eżami tas-suġġetti li fihom kont weħilt u ... għaddejt mis-suġġetti kollha barra minn Paper 1 tat-Taljan. Dik is-sena minħabba ċ-ċirkostanzi tal-gwerra kienu tawna ċans nerġgħu nippruvaw f'Diċembru. Allura hawnhekk iddeċidejt li nieħu l-privat. Kellimt lil wieħed għalliem tas-Sekondarja magħruf għat-tagħlim tat-Taljan. Dan aċċetta li jgħinni u bdejt immur għall-privat fl-Iskola Sekondarja - li dak iż-żmien kien l-Auberge de France - fejn illum hemm il-Head Quarters tal-G.W.U. Ħin fiss ma kellix għax kien jagħtini l-lezzjoni fil-ħin liberu

tiegħu bejn lezzjoni u oħra. Ma domtx ħafna ngawdi dan il-privileġġ għax darba qalli li ma jistax ikompli jagħtini l-privat fl-iskola, imma kien lest li jkompli jgħinni, biss ikolli mmur Ħal Lija, fejn kien joqgħod. Lanqas biss kont naf fejn hi Ħal Lija. Kien kważi mpossibbli għalija li nkompli minħabba n-nuqqas ta' kumdità fit-trasport. Xi stajt nagħmel? Ftehimt mal-familja li kienet refuġjata magħna - li allura kienet marret toqgħod Birkirkara. Kont nitlaq mid-dar filgħodu b'xi ħaġa x'niekol, immur nirkeb miż-Żurrieq sal-Bombi u mill-Bombi għal Birkirkara, ngħaddi n-nofs ta' nhar għand din il-familja u x'ħin isir il-ħin nerħilha għal Ħal Lija. L-għalliem li kien jagħtini l-privat tat-Taljan kien jagħtini l-lezzjoni bejn it-3pm u l-4 pm, biex ikolli ħin biżżejjed biex nilħaq il-karozza minn Birkirkara u jkolli ħin biex nilħaq l-oħra mill-Bombi għaż-Żurrieq.

Darba mort għall-privat bħas-soltu. Kif rani, mistagħġeb qalli: "Mela llum ġejt ukoll?"

"Iva", weġibtu, "Għaliex? X'ġara?"

"Ma smajtx l-avviż minn fuq ir-radio biex kulħadd ifittex jinġabar f'daru?"

Jien ma kont smajt xejn u ridt nitlaq, imma tani l-lezzjoni xorta waħda. Kif spiċċajt, lebbitt lejn Birkirkara biex nirkeb u nfittex ninġabar id-dar. Wasalt bis-sliem u tad-dar ma kienu semgħu xejn. Wasal l-eżami, mort b'kuraġġ kbir imma xorta erġajt weħilt ... u s-sena 1941 spiċċat għalija b'diżappunti kbar. Ma nafx x'se naqbad nagħmel.

Mela jiġu sħabi taż-Żurrieq biex jifirħuli għax mingħalihom li kont għaddejt. Għidtilhom l-istorja u bla ma jafu kif ħarġitilhom il-mistoqsija: "Issa x'se tagħmel?" Qabżet oħti Giovanna u qaltilna: "Sibtu baħar imqalleb u rnexxilkom taslu kważi sax-xatt. Il-baħar għadu mqalleb, agħmlu l-aħħar sforz, ħudu ftit privat u agħmlu s-"senior". Ara x'jien ngħidilkom, din is-sena dan l-eżami jsir." Komplejna niftiehmu, morna nistaqsu jekk hemmx xi ħjiel li jsir l-imsemmi eżami. Risposta deċiża ma tawniex, imma lanqas ma qatgħulna qalbna u hekk iddeċidejna li nieħdu l-privat ta' l-Ingliż u tal-Franċiż.

Għall-privat ta' l-Ingliż ridna mmorru l-iskola ta' Birkirkara u għall-Franċiż, tal-Pietà. Iż-żewġ għalliema kienu jagħtuna l-privat kmieni kemm jista' jkun biex nilħqu l-karozzi lura għad-dar. Mela darba hekk kif naslu l-Bombi ma rajna ebda karozza tal-linja. Kien Marzu u l-ġurnata kienet għadha qasira ħafna. Staqsejna x'ġara u qalulna li għal dakinhar, il-karozzi tal-linja kienu spiċċaw. X'se nagħmlu? Erħejnielha għad-dar bil-mixi. Ma' kull pass bdejna narawh jidlam iżjed. Ħriġna mill-Marsa kważi fid-dlam. Tul it-triq għidna r-Rużarju u komplejna sejrin. Tlajna t-telgħa ta' l-Imgieret, qsamna Ħal Luqa u kulħadd b'biża' kbir fuqu għax bilfors irridu naqsmu l-ajrudrom biex naslu



*Il-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba bil-koppla mġarrfa*

d-dar. U jekk jinqala' xi ħbit mill-ajru waqt li nkunu qed naqsmu l-ajrudrom, fejn se nistkennu? U jekk jarawna? Niġru? Tgħid jisparaw fuqna? Dawn il-ħsibijiet ħakmu l-moħħ tagħna, għalkemm ma lissinnihomx.

Fejn illum hemm l-"istage" tal-karozzi tal-Qrendi, qabel ma l-karozza ddur għaż-Żurrieq, kien hemm loġġa żgħira fejn wieħed seta' jistkenn mix-xita u x-xemx, b'inkwadru tal-Madonna tad-Dawl u dan il-post ħa ismu minn dan l-inkwadru u konna nsejħulu "tad-Dawl". Ftit qabel naslu biex ninfirdu... jien biex inkompli triqti lejn il-Qrendi u ħbiebi lejn iż-Żurrieq, nisimgħu xi ilħna ta' rġiel warajna. Kienu żewġt irġiel li bħalna ma kinux laħqu l-aħħar karozza. X'ħin waslu ħdejn tad-Dawl taw il-lejl it-tajjeb lil xulxin. Smajthom, avolja kont ftit 'il bogħod, u malajr intbaħt li wieħed minnhom kien telaq għal daru. L-ieħor kompla triqtu warajja u sejjaħli bil-laqam tal-familja. Inħsadt... x'se nagħmel? Min kien dan ir-raġel li kien jafni hekk sewwa? X'ried minni? Naqbad niġri? Kien jilħaqni. Waqaft, stennejtu u x'ħin wasal ħdejja staqsejtu min kien u x'ried. Qalli min kien u qalli biex nakkumpanjah sa l-Imqabba (minn fejn kien) minħabba l-periklu li kien hemm daqstant suldati barranin jiġru mas-saqajn ... u f'dak il-ħin . X'ħin wasal ħdejn id-dar tiegħu, irringrazzjajtu u komplejt triqti lejn id-dar. Il-ħin kien daħal sewwa u kien diġà beda jseħħ il-

"curfew". Il-lejl kien bla qamar, dlam taqtgħu b'sikkina. Kont wasalt kważi ħdejn il-Qaddisin limiti tal-Qrendi, x'ħin minn ġo garaxx li fih kien hemm is-suldati Ingliżi ħareġ suldat bil-bajonetta ppuntata lejja u waqqafni b'dan il-kliem: "Halt, who comes there?" Inzertajt li lil dan is-suldat kont nafu għax kemm-il darba kien ġie d-dar jistaqsi għal missieri li dak iż-żmien kien jaħdem magħhom iġorrilhom ir-razzjon f'kampijiet differenti. Jien maħsuda rrispondejt: "It's me, let me pass please." Għarafni u qalli "Is it you Mary? At home they are very worried about you." "They should be", irrispondejtu jien. Ried iqajjem lil sieħbu li kien rieqed biex hu jiġi jwassalni d-dar. Din, jien ma ridthiex. Irringrazzjajtu u tlabtu jċempel u jgħarraf lis-suldati li kien hemm stazzjonati ħdejn il-mitħna f'tarf ir-raħal biex ma jwaqqfunix.



*Mara tal-kampanja liebsa faldetta idher tirranġa l-maskla tal-gass lit-tifel. Fuq wara jidhru nies qed itellgħu l-bini tal-knisja parrokjali ta' l-Imġarr.*

Qalli li hekk se jagħmel u tani l-kelma tal-qaddis li kelli ngħid lis-suldati jekk ikun hemm xi ħadd minnhom fil-bieb. Fil-fatt kien hemm żewġ suldati fil-bieb x'ħin wasalt. Jien għidtilhom "Good night" - il-kelma tal-qaddis u ħallewni ngħaddi bil-kwiet. Is-suldati li kien hemm stazzjonati fil-Ġnien tal-Kmand ma kellmunix u lanqas dawk li kienu stazzjonati ħdejn id-dar tagħna - fil-Palazz ta' Depiro.

Kienu xi d-disgħa ta' bil-lejl x'ħin irfist l-għatba tad-dar u x-xena li kien hemm tistennieni ma ninsiha qatt. Ommi, li kienet fil-bieb ta' barra b'idejha fiċ-ċinta tad-dublett taqbeż fuq il-ponot ta' subgħajha ta' saqajha bl-inkwiet, fetħitli l-bieb u x'ħin dħalt: "Kemm domt? Għaliex? X'ġara?" u mitt mistoqsija oħra. Missieri kien bilqiegħda fuq banketta, b'idejh fuq l-irħama tal-bank *(counter)* b'geddumu jistrieħ fuqhom, jipprova jaħbi l-inkwiet li kellu. In-nannu bilqiegħda fuq bank b'idu waħda fuq il-mejda u l-oħra fuq ġenbejh, stajt naqra l-ansjetà fuq wiċċu; in-nanna bilqiegħda biswitu fuq bank ieħor b'idejha t-tnejn fuq il-mejda l-oħra nfexxet f'bikja ta' ferħ, ħuti kollha iżgħar minni ssummati.

Wasal April 1942. Dik is-sena l-Għid kien ġie fl-ewwel ġranet t' April u għalhekk dik il-ġimgħa ma kellniex privat. Fit-8 ta' April sa minn filgħodu kellna avviż ta' ħbit mill-ajru li dam sejjer għal ħin twil imma ebda bombi ma ntefgħu. Kienu ajruplani ta' l-għadu jħufu madwar Malta jieħdu ritratti *(reconaissance planes)*. Għal filgħaxija l-fortizza ta' Ħas Sejjieq - dik ftit 'il barra mir-raħal sparat tir wieħed biss. Għal dak il-ħin daqshekk biss sirna nafu. L-għada kilnieha biz-zalza mill-għadu. Għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar, kellna avviż ta' ħbit mill-ajru.

Fil-mira kienu l-irħula tal-Qrendi, l-Imqabba, iż-Żurrieq, Ħal Kirkop u Ħal Luqa. Il-knejjes parrokkjali ta' l-Imqabba u ta' Ħal Luqa ntlaqtu fl-attakk qalil u parti sostanzjali minnhom iġġarrfu (ritratti). Intqal li dan kien bi tpattija ta' l-ajruplan li waqqgħu l-kanuni tal-fortizza ta' Ħas Sejjieq il-jum ta' qabel. Waqgħet id-dar tan-nanna. Lin-nanna tlifniha u għal ftit ma tlifniex ukoll lil oħti Ġuża li kienet id-dar magħha. Tlift il-kotba kollha li kont nistudja minn fuqhom. Dik is-sena l-eżami tas-Senior (G.C.E.) sar. Għamilnieh fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi f'Birkirkara.

L-inmblokk kompla jissikka. Kien imiss lill-annimali li jibdew jinqatlu u jintużaw għall-ikel. Il-gvern fetaħ kċejjen ġo kull raħal fejn in-nies kienu jkunu servuti b'ikla sħuna kuljum mit-Tnejn sas-Sibt. L-ikel kien jikkonsisti f'għaġin mgħolli, minestra, stuffat tal-laħam u tonn taż-żejt bil-fażola. Kull familja setgħet tieħu porzjon wieħed biss għal kull membru tal-familja.

Il-ħlas kien xelin u nofs (7c5) fil-ġimgħa għal kull porzjon. Dawn il-kċejjen kienu jissejħu *Victory Kitchens*. Għal din l-attività kien hemm bżonn l-impjegati: min imexxi, kok jew koka u tnejn jew tliet persuni oħra. Issa li kont spiċċajt l-eżami, impjegajt ruħi bħala "supervisor" fil-kċina. Is-salarju kien ta' £6 fix-xahar. Paga tajba għal dak iż-żmien, imma moħħi baqa' dejjem itambar li posti hu l-iskola ngħallem lit-tfal.

Bħalma tista' tistenna f'dak iż-żmien ta' periklu, ir-riżultat dam iżjed biex wasal minn barra ... infatti wasal f'Ottubru. Din id-darba kelli riżultat sabiħ ħafna. Applikajt biex nimpjega ruħi bħala għalliema fl-iskola ta' l-istat.

Offrewli biex nibda naħdem minnufih b'salarju ta' £2 fix-xahar u £2 bonus. Dan kien is-salarju ta' *emergency teacher*. Jiena m'aċċettajtx, biss billi ssoponejt li ma jdumux ma jibagħtu għalija biex ngħallem, tlabt is-sensja mill-Victory Kitchen. F'Diċembru kont diġà tlaqt mill-Victory Kitchen. L-1942 tatna l-aħħar daqqa ta' frosta bil-mewt tan-nannu waqt ħbit mill-ajru li fih oħti Ġuża ħelsitha ħafif għat-tieni darba. Kien it-18 ta' Diċembru 1942.

Dik is-sena feġġet il-marda tal-polio. L-iskejjel għalqu għal xi żmien imma meta reġgħu fetħu rċevejt nota biex immur ngħallem. Sa fl-aħħar qtajtha xewqti. Kien is-7 ta' Marzu 1943.